Ir-Raba' Ħadd ta' Matul is-Sena
Il-Ħadd 30 ta' Jannar 2022

# Aħbar Tajba



Ġer 1, 4-5.17-19
S 70 (71), 1-2.3-4a.5-6ab.15ab.17
1 Kor 12, 31 – 13,13
Lq 4, 21-30

"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, **inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin... nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej."**

Darba kien hemm żagħżugħ li minn ċkunitu dejjem xtaq li jsir pilota u għalhekk sikwit hu u missieru kienu jgħaddu minn fejn *runway* żgħira qrib fejn kienu joqogħdu. Imma ġurnata minnhom hekk kif waslu raw xena xejn sabiħa. Kien hemm ajruplan żgħir li sab diffikultà u spiċċa waqa' minn ftit għoli mhux ħażin. Il-pilota kien għadu student u weġġa' sew. Dlonk marru biex jgħinuh sakemm jiġu tal-ambulanza imma l-ġrieħi tiegħu kienu kbar u miet f'idejn iż-żagħżugħ.

Ħafna ħasbu li l-ħolm tiegħu li jsir pilota se jispiċċa fix-xejn. Sa dak inhar tgħidx kemm kien ilu jġemma' biex ikun jista' jibda' t-taħriġ ta' pilota, imma deher li dik l-esperjenza ħalliet marka kbira wisq fuqu, u ommu u missieru basru li se jaqta' qalbu u jitlaq kollox. Imma darba, waqt li kienet qed tnaddaf il-kamra tiegħu, ommu sabet karta li fuqha b'ittri kbar kien hemm miktub:

IL-KARATTRU TA' ĠESÙ
Ġesù kien bla dnub
Ġesù kien umli
Ġesù kien jaħseb fl-oħrajn
Ġesù kien kuraġġuż
Ġesù kien jaqbeż għall-fqir
Ġesù ma kienx jaqta' qalbu
Ġesù kien ħanin...

Il-lista kienet twila ħafna, qisu kuljum kien iżid tnejn jew tlieta. Meta kiber stqarr li għalkemm dik l-esperjenza kienet ħasditu u mlietu b'ħafna biża', il-fidi tiegħu għenitu biex jirbaħ dak il-biża'. Ġesù kien qed jibdlu bil-mod. Ma kinitx faċli imma dik il-lista kienet saret talba li ftit ftit bdiet tieħu post il-biża' li kellu. Ftit snin wara daħal fl-akkademja u rnexxielu jsir pilota, u mhux pilota kwalunkwe. Żgur li xi darba jew oħra smajtu bih. Iż-żagħżugħ kien Neil Armstrong li fl-1969 sar l-ewwel bniedem li medd pass fuq il-wiċċ tal-qamar.

U għalik min hu Ġesù? It-tweġiba ta' Neil Armstrong nafuha. Ġesù kien dak li għamillu l-kuraġġ biex jirbaħ il-biża' tiegħu. Imma aħna x'se tkun it-tweġiba tagħna? Ġesù hu biss isem fost il-ħafna ismijiet li nafu jew inkella xi ħadd li jispirana biex inkunu aħjar?

Din il-ġimgħa aqbad biċċa karta u ikteb fuqha min hu Ġesù għalik. Mhux x'jgħidu l-kappillan, il-katekist jew inkella l-għalliem tar-reliġjon, imma ikteb min hu għalik Ġesù. Aħseb ftit kif dan Ġesù jista' jgħinek tikber u tkompli ssir dak li Alla dejjem xtaqek tkun: xi ħadd għal qalbu.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** KITBA, SEĦĦET, ĦLEWWA, BIN, ĠUŻEPPI, TABIB, KAFARNAHUM, PROFETA, IŻRAEL, ELIJA, SAREFTA, SIDON, XIFER, RDUM

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | K | T | A | R | O | GĦ | L | A | T |
| B | I | N | I | L | B | N | IE | D | A |
| B | T | A | I | Ż | R | A | E | L | P |
| A | B | R | I | N | N | A | L | O | R |
| S | A | R | E | F | T | A | I | Ġ | O |
| I | T | D | E | L | I | J | J | U | F |
| D | A | U | N | A | GĦ | S | A | Ż | E |
| O | L | M | A | S | E | Ħ | Ħ | E | T |
| N | I | A | Z | X | K | L | N | P | A |
| E | M | T | A | I | N | E | IE | P | B |
| Ħ | U | K | R | F | M | W | N | I | I |
| Ħ | E | W | E | E | O | W | A | S | B |
| K | A | F | A | R | N | A | H | U | M |
| B | E | T | L | E | H | E | M | A | N |

Agħti l-kulur



“L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani.
Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
**inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin...**
**nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.”**

## San Pawl f'Malta

Bħala Maltin għandna għax inħossuna tassew ixxurtjati li d-daqxejn ta' gżira tagħna laqgħet wieħed mill-akbar appostli li qatt rat id-dinja. Il-Maltin dejjem ħassew rabta speċjali ma' dan il-qaddis u għalhekk f'pajjiżna nsibu bosta postijiet marbuta ma' dan l-appostlu kbir.

Fir-Rabat insibu l-Grotta ta' San Pawl li d-daħla għaliha nsibuha mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali tar-Rabat. Hemmhekk jingħad li Pawlu qatta' ħafna mill-jiem tiegħu meta kien f'pajjiżna u llum hu post ta' devozzjoni kbira. Fost in-nies li ġew iżuru dan il-post insibu lill-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II kif ukoll il-Papa ta' warajh, Benedittu XVI.

Għajn Rażul (L-Għajn tal-Appostlu) hu l-isem ta' għajn tal-ilma f'San Pawl il-Baħar. Hemm żewġ stejjer dwar din il-għajn: waħda li San Pawl ħareġ l-ilma mill-blat biex jgħammed lill-Maltin u oħra li San Pawl ħareġ l-ilma biex jixorbu minnu n-nies tal-bastiment li ġiebhom Malta.

Post ieħor hu San Pawl Milqi li jfakkar kif San Pawl ġie milqugħ minn Publiju, li kien mexxej ta' Malta u li San Pawl fejjaqlu lil missieru minn deni qawwi.

Storja oħra tgħid li kienu n-nies tan-Naxxar li għenu l-ewwel lil dawk li ħelsu mill-għarqa. Minn hawn ġej l-isem tar-raħal tagħhom 'Naxxar', mill-kelma tonxor, bil-ħsieb li kienu huma li għenuhom jinxfu u jisħnu f'dawk l-ewwel sigħat tagħhom wara n-Nawfraġju.

F'San Pawl il-Baħar hemm knisja magħrufa bħala Tal-Ħuġġieġa, għax jgħidu li kien hemmhekk li l-Maltin qabbdu l-ħuġġieġa għan-nies tal-bastiment, kif jirrakkonta San Luqa fl-Atti tal-Appostli.

### Din il-Ġimgħa...

**Il-miġja ta' San Pawl hi jum tant importanti għalina l-Maltin mhux għax qaddis kbir ġie jżurna imma għax dan il-qaddis ġabilna l-akbar rigal li seta' jagħtina – il-fidi f'Ġesù Kristu. Din il-ġimgħa sib ħin biex kuljum tirringrazzja lil Alla li tak il-fidi fih u ara x'tista' tagħmel biex dan ir-rigal tiegħu ħsiebu u jkompli jikber. Hekk inkunu qed ngħixu tabilħaqq l-ispirtu propju ta' din il-festa.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!
AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola
SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION